# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

---

Minuti tas-seduta numru disgħa u sittin (69) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Ħamis 11 ta' Novembru, 2010, fil-6:30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi Sindku |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Derren Busuttil | Segretarju Eżekuttiv |
| | Dorianne Zammit | Assistent Prinċipal |

1. Is-Sindku presjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**Tender tal-kollezzjoni ta' l-iskart domestiku imħallat**

3. Il-Kunsill ta' Ħal Safi flimkien ma dak ta' l-Imqabba fetħu t-tenders tal-ġbir ta' skart domestiku imħallat qabel din il-laqgħa. Kien hemm żewġ offerti, dawn ġew miftuħa u s-SE ikkonferma li t-tnejn kellhom id-dokumenti kollha neċessarji sabiex jgħaddu għal evalwazjoni. Is-Sindku ta' Ħal Safi u dak ta' l-Imqabba qablu li l-evalwazzjoni u l-aġġudikazzjoni finali issir fil-Kunsilli rispettivi tagħhom.

**Punti mil-Minuti**

4. Eddie Bonello talab lis-sindku jagħti rendikont dwar il-kuntrattur ġdid tal-knis tal-toroq. Is-Sindku rrimarka li l-ħaddiema tal-kuntrattur għal bidu dehru li qed jdumu sabiex jikinsu t-toroq kollha bil-magna tagħhom iżda wara biss ftit jiem deher li qed jidraw il-post u bdew jgħaġġlu ħafna iżjed. L-indafa fit-toroq hija waħda sodisfaċenti. Is-Sindku rrimarka li mil-jiem li ġejjin, il-kuntrattur ser jibda jdur il-ħaxix żgħir fit-toroq.

5. Dwar l-istands tat-tabelli informattivi mal-postijiet storiċi, il-Kunsilliera kienu sodisfatti mix-xogħol li sar mil-ħaddiem tal-Kunsill. Publius Abdilla rimarka li l-plakek bdew jidhru li ser jiżżaqqu ftit minn mal-pjanċa ta' taħt bix-xemx. Eddie Bonello ippropona li jingħata silikon taħt il-plakek sabiex dawn jeħlu aħjar.

6. Rigward il-fistun tal-pjazza li ser jinxtara speċifikament sabiex jitwaħħal fil-pjazza ta' Ħal Safi waqt żmien il-Milied, Dorianne Zammit preżentat il-kwotazzjoni fuq il-mejda tal-Kunsill. Minkejja li l-prezz huwa wieħed raġonevoli, Francis Callus irrimarka li dan it-tip ta' fistun mhux *CE Certified* u b'hekk mhux rakkomandat li jinxtara minħabba raġunijiet ta' *health and safety*. Il-Kunsilliera qablu li nitolbu kwotazzjoni oħra għal fistun li huwa *CE Certified*.

7. Dorianne Zammit ikkonfermat li l-Kunsill irċieva tliet talbiet għal reklami fuq il-ħarġa tal-fuljett li jmiss f'Diċembru, 2010.

8. Dwar l-*sleeping police* li hemm fit-Triq ta' l-Ajżar is-Sindku ikkonferma li kif ġie miftiehem fil-laqgħa preċedenti, tneħħiet parti min-nofs tagħha sabiex jkun jista jgħaddi l-ilma tax-xita. Eddie Bonello rrimarka li l-parti tan-nofs ġiet wisq għolja u b'hekk vettura tista toqros it-tyre magħha b'konsegwenza li titlef il-kontroll. Il-kunsilliera qablu li jitwaħħlu żewġ truf fil-parti tan-nofs.

9. Is-Sindku ikkonferma li x-xogħol fuq il-bankina f'Triq il-Kuċċard beda u għandu jitlesta sa għada.

10. Eddie Bonello fakkar lil Kunsill sabiex nitolbu lil-perit tal-Kunsill jagħmel *traffic managent plan* għad-dħul tal-vetturi f'Ħal Safi minn Triq l-Ibraġ.

11. Eddie Bonello fakkar ukoll lill-Kunsill dwar is-sorveljanza fejn il-bring-in-site f'Triq ta' Ġawhar permezz tas-sistema CCTV.

**Perit Anthony Bezzina**

12. Is-Sindku issospenda il-laqgħa sabiex jidħol il-Perit Anthony Bezzina. Il-Perit rrimarka li beda jagħmel xogħol preliminari ta' *surveying* sabiex jevalwa il-possibilita li l-Kunsill japplika għal fondi Ewropej fuq ix-xelter tal-pjazza kif ukoll ir-restawr tal-Ġnien ta' Ball sat-30 ta' Novembru, 2010. Is-Sindku spjega li issa jidher li huwa tard wisq sabiex il-Kunsill japplika għar-restawr tax-xelter tal-pjazza. Madankollu il-Kunsill qabel unanimament li japplika għal devoluzjoni tax-xelter fil-pjazza u għal katakombi ta' fejn ix-xarolla filwaqt li l-Perit xorta waħda ser jibqa jipprova japplika għal fondi taħt is-sistema ta' *guardianship*. Il-Perit spjega wkoll dettalji dwar l-applikazzjoni tar-restawr ta' Ġnien ta' Ball filwaqt li ikkonferma li l-applikazzjoni għal fondi ta' l-Ewropa ser tiġi sottomessa sat-30 ta' Novembru, 2010.

13. Is-Sindku rrefera għal-*engagement letter* li bagħat lil Kunsill aktar kmieni sabiex jkun jista jibda jagħmel dan ix-xogħol preliminari u talab lil-Perit jagħti spjegazzjoni ta' kif ser jsir il-ħlas tiegħu għal dan ix-xogħol. Il-Perit spjega li ħlas preliminari jkun rimborż ta' l-ispejjeż mingħajr żieda addizzjonali. Meta il-proġett jiġi finanzjat mill-EU, ser jiġu applikati t-"Tarrif K" tal-periti. Is-SE rrimarka li ser joħroġ tender ta' servizzi ta' Perit fuq proġetti finanzjati mil-UE fil-jiem li ġejjin għaliex abbażi ta' dawn it-tariffi, il-kunsill huwa obbligat jitlob stimi b'tender.

**Korrispondenza**

14. Il-Kunsill irċieva ittra mil-Klabb tal-futbol ta' Ħal Safi li ġie iffurmat ftit ġimgħat ilu mill-ġenituri tat-tfal li jitħarrġu ma' Ħal Safi Youth Nursery. Dawn talbu lil Kunsill jgħinhom finanzjarjament sabiex dan il-Klabb jkompli jħarreġ tfal il-fuq min 13-il sena li jkunu spiċċaw jattendu ma' Safi Youth Nursery minħabba li jkunu qabżu l-eta'. Il-Kunsilliera qablu li l-Kunsill għandu jistieden lil persuni inkarigati minn dan il-Klabb sabiex jitkellmu fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

15. Il-Kunsill irċieva talba mis-Superjur tal-Mużew tat-Tfal tas-Subien ta' Ħal Safi f'isem il-membri tal-qasam ta' Ħal Safi sabiex il-Kunsill jagħmel tisbiħ taż-żona ta' quddiem il-Mużew tas-Subien f'Triq San Tumas flimkien mal-bankina tat-triq kollha sabiex jitnaqqas il-periklu tat-tfal li joħorġu jiġru mill-Mużew. Is-Sindku ippropna u l-Kunsilliera qablu li naħdmu stima ta' kemm jiġi jiswa dan ix-xogħol.

16. Il-Kunsill irċieva ittra minn Trasport Malta dwar Toroq f'Ħal Safi li mhux miftuħa. Il-Kunsilliera identifikaw Triq in-Nassaba.

17. Il-Kunsill irċieva ittra minn l-iskola San Bendittu Sta. Lucija Girls' Junior Lyceum sabiex jagħmel donazjoni ta' ktieb għal *prize day* ta' l-iskola. Il-Kunsilliera qablu li l-Kunsill jgħati *token* lill-iskola ta' €20 sabiex jinxtara ktieb.

**Kiri ta' Garaxx**

18. Is-Sindku rimarka li l-garaxx prezenti li qed jikri l-Kunsill huwa żgħir wisq. B'hekk is-Sindku ippropona u l-Kunsilliera qablu li l-Kunsill joħroġ avviż fil-fuljett, għal kiri ta' garage ta' żewġ jew tliet karozzi u li dan jkun Street Level.

**Ħwejjeġ oħra**

19. Is-Sindku rimarka li iltaqa mal-Perit tal-MEPA sabiex jiddiskuti t-tixqlib ta' l-ilma f'Triq Sant Andrija. Huma marru fuq il-post u il-Perit ikkonferma li ma għandiex tkun problema li ngħollu ftit it-tarmak tat-triq sabiex l-ilma tax-xita ma jiskulax f'Triq Ħajt Ruman.

20. Il-Kunsilliera diskutew il-progress f'Triq il-Karwija. Eddie Bonello rimarka li x-xogħol ta' *taxiway* għadu lura u ma jidhirx li ser jkun lest sa Jannar li ġej meta il-Kunsill ġie imwiegħed li t-triq ser tkun lesta sa Frar 2011. Il-Kunsilliera talbu lis-Sindku jagħmel il-laqgħa mal-Perit David Xuereb kemm jista jkun malajr.

21. Is-Sindku rimarka li qiegħed f'kuntatt mal-Perit ta' l-MRRA dwar ir-restawr tal-ballavostri fuq iz-zuntier tal-Knisja. Is-Sindku ikkonferma li dan il-proġett ser jkun iffinanzjat kollu kemm hu mill-fondi tal-Gvern.

22. Is-SE rimarka li l-Kunsill irċieva il-*management letter* ta' l-awditur dwar is-sena finanzjarja li għalqet 31/12/2009. Kopja ta din l-ittra flimkien mar-risposta tagħha ġiet mgħotija lil Kunsilliera jumejn qabel il-laqgħa. Eddie Bonello rimarka li għalkemm huwa jaqbel mar-risposta ta din l-ittra, huwa ippropona u l-Kunsilliera qablu li nagħmlu laqgħa speċifika f'dan ir-rigward.

23. Is-Sindku ressaq talba minn żewġ ħwienet f'Ħal Safi li jkollhom tabella ta' "*no parking except for loading and unloading*" quddiem il-ħanut tagħhom. Il-Kunsilliera qablu li dawn isiru b'restrizzjoni għal-ħin ta' filgħodu biss.

24. Is-Sindku ressaq talba minn persuna li tixtieq li fl-entratura tat-triq il-ġdida f'Triq il-Kuċċard jkun hemm tabella cul-de-sac. Il-Kunsilliera qablu li din it-tabella issir.

25. Is-Sindku flimkien ma' Publius Abdilla u Jerome Busuttil kellhom laqgħa mas-Segretarju Parlamentari l-Hon Dr. Chris Said. Is-Sindku ippreżenta u qara il-minuti ta' din il-laqgħa. Il-punti prinċipali li ġew diskussi huma l-problema tal-ħatra tas-Segretarju Eżekuttiv ġdid, il-ftuħ ta' Triq Kuċċard, il-Kunsill bħala one-stop-shop, devoluzzjoni tax-xelters, il-problema tal-konfini maż-Żurrieq u l-Katakombi li qegħdin biswit, ix-xogħol tat-toroq urbani u skeda ta' taħwil tas-siġar fil-ġnien ta' Amparell. Eddie Bonello, għalkemm ma għandux oġġezzjoni mill-affarijiet li ġew diskussi waqt il-laqgħa huwa saħaq li għandu jkun infurmat bil-laqgħa qabel ma din issir sabiex, jekk jkun possibbli, jattendi wkoll.

26. Is-SE rrimarka li rċieva l-kont ta' l-asfaltar li ingħata mid-Dipartiment tal-Public Works mad-dawra tal-ġnien ta' Amparell. Is-Sindku rimarka li dan il-kont ġie ferm aktar minn kemm mistenni u b'hekk huwa ħatar il-perit tal-Kunsill sabiex jiċċertifika ix-xogħol li sar, speċifikament kemm sar użu ta' asfalt fuq il-post.

27. Il-Kunsilliera ddiskutew il-ħatra tas-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid u qablu li kemm il-darba il-Kunsill joħroġ sejħa interna jew pubblika sabiex jinħatar is-Segretarju Ezekuttiv il-ġdid, il-Kunsill għandu jkollu gwida ċara bil-miktub mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali. Is-SE ser jibgħat e-mail lis-Sur James Catania f'dan ir-rigward.

28. **Il-Payment Approval** Sheet No. 62 ġiet approvata.

29. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Gimgħa 26 ta' Novembru, 2010.

30. Il-laqgħa ntemmet fid-9:30pm.

Approvati llum 26/11/2010

Sindku                    Segretarju Eżekuttiv